**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Pio Pisani**
**V**

**ANGELO XUEREB**
**CECIL BUSUTTIL**
**JOSEPH ELLUL VINCENTI**
**JOHN A. GAUCI**

**Illum 17 ta' Lulju, 2001,**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **ANGELO XUEREB** ta’ sebgha w erbghin sena bin Bartolomeo u Maria nee Grech, imwieled n-Naxxar nhar il-hamsa ta' Gunju, 1952 u joqghod 'Villa Vistana', Targa Gap, Mosta, detentur ta’ karta tal-identita` numru 494652(M), **CECIL BUSUTTIL** ta' tlieta w sebghin sena bin Paul u Theresa nee Spiteri, imwieled Floriana nhar d-dsatax ta' Awissu, 1926 u joqghod "The Lure", Garden Crescent, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita numru 639626M, **JOSEPH ELLUL VINCENTI** ta' tmienja w sittin sena bin Carmelo u Carmela nee Damato, imwieled Tas Sliema nhar t-

tnax ta' Jannar, 1931 u joqghod "Hillview", Triq Monsinjur Debono, Kappara, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita numru 88131M, u **JOHN A. GAUCI** ta' wiehed u sittin sena, bin Robert u Ersilia nee D'Giovanni, imwieled Tas Sliema nhar t-tletin ta' Lulju, 1938 u joqghod "Sunset", numru 147, Triq l-Uqija, Tal Ibragg, Swieqi, St. Andrews, detentur tal-karta tal-identita numru 620738M, gew mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-Mosta nhar s-sebgha ta' Settembru, 1994, b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkagunaw l-mewt ta' Nazzareno Catania.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tlieta ta' Novembru, 2000 kif esibiti fl-atti tal-process a fol 206 fejn l-istess Avukat Generali deherlu li mill-kumpilazzjoni in dezamina tista tinstab htija jew htijiet fil-konfront tal-imputati kollha ai termini tal-artikoli 225, 20 u 533 tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 13 tal-Interpretation Act.

Semghet lil imputati jwiegbu li ma humiex hatja tal-akkuzi kif addebitati lilhom fis-seduta tal-ewwel ta' Settembru, 1999.

Rat li fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta' Settembru, 1999 gie ppresentat certifikat mediku fil-konfront ta' Cecil Busuttil.

Rat li l-Qorti nnominat lil Dottor Robert Xuereb b'digriet taghha tal-tas-sebgha w ghoxrin ta' Settembru, 1999 biex jezamina lil Cecil Busuttil u fl-ewwel ta' Ottubru, 1999 deher l-Qorti u halef r-rapport tieghu fil-konfront ta' Cecil Busuttil u qal li kien qed jbati minn anzjeta u l-marda tal-Parkinsons.

Ghalhekk il-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju bejn l-imputati u cioe li l-pproceduri jitkomplew fil-konfront tal-imputati Angelo Xuereb, John A. Gauci u Joseph Ellul Vincenti filwaqt li b'digriet tal-Qorti tal-ewwel ta' Ottubru, 1999, il-kawza giet differita sine die fil-konfront tal-imputat Cecil Busuttil.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'verbal appositu registrat fl-atti nhar l-ewwel ta' Dicembru, 2000.

Semghet lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u lil imputati jixhdu b'mod voluntarju u minn jeddhom.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tat-tmintax ta' Gunju, 2001.

Ikkunsidrat:

Illi principalment l-imputati gew akkuzati b'omicidju nvoluntarju tal-persuna ta' Nazzareno Catania. Il-Qorti thoss li qabel ma tidhol u tispjiega l-fatti tal-kawza, ghandha l-ewwel taghti tifsira dettaljata tar-reat ta' omicidju nvoluntarju ghaliex wara jkun aktar facli li din l-istess Qorti tapplika l-fatti mal-ligi.

In-natura tar-reat ta' omicidju nvoluntarju gie ezaminat fil-fond fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Marzu, 1996*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Richard Grech** u sussegwentement f'sentenza ohra moghtija mill-istess Qorti u cioe mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta w ghoxrin ta' Marzu, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Tarcisio Fenech**.

L-omicidju kolpuz hu trattat fil-ligi taghna fl-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali gia l-artikolu 239 fl-Edizzjoni tal-1942 ta' dak il-Kodici. ***Fis-sentenza taghha tal-erbgha ta' Frar, 1961*** **fl-ismijiet Il-Pulizija v Perit Louis Portelli,** ***il-Qorti Kriminali sedenti l-Imhallef***

***Joseph Flores***, kienet espremiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward dan r-reat bis-segwenti:

> "*Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involuntarju skond l-artikolu 239 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta voluntarja negligenti - konsistenti <u>generikament</u> f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), traskuragni (negligenza), jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti <u>specifikatament</u> f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti - li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita, minn event dannuz involuntarju. Ghandu jigi premess li ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta effittivament adoperata ma dik ta' persuna li s-sapienza rumana identifikat mal-bonus paterfamilias, dik il-kondotta, cioe, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kiterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghal gudikant, jhallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. [Kollez. Deciz Vol. XLV iv 870, 903, emfasi ta' din il-Qorti].*

*"Kif spjiega l-gurista taljan* ***Francesco Antolisei****, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid jzomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita diretta ghal xi fini partikolari tista taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - cioe l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita partikolari - tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrjan jigu pregudikati.*

*"Sorgono per tal modo, jkompli dan l-awtur, delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi... Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'innosservanza di talune delle*

*norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimoprovero, cosi formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche nel reato doloso il giudice improvera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasino puo muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi" [Antolisei, F., Manuale Di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322-323]*

*"Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizzjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem 'nuqqas ta' hsieb', 'traskuragni', u 'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni', filwaqt li dawk r-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem 'nuqqas ta' tharis ta'*

*regolamenti'. Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi wkoll ghal dawk r-regolamenti promulgati minn enti privati (per ez. r-regolamenti imfassla minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull min jahdem jew jidhol f'dik l-fabbrika). In fatti kemm fil-***Codice Zanardelli*** *kif wkoll fil-***Codice Rocco***, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline." Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke f'kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, trasskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament impurdenti jew negligenti mhux biss minn jittraskura li jiehu dawk l-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarju tal-hajja, izda wkoll minn jittraskura li*

*josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita."*

U dik l-Qorti f'dik il-kawza kompliet hekk:

"*Kif jispjiega l-gurista* **Francesco Carfora** *(Digesto Italiano, Vol 7, Parte 2, v. Colpa (materia penale), Diritto Vigente, p. 775) jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hija n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika cert non-kuranza, certu abbandun, kemm intellettiv kif wkoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero l-hsara tkun* <u>*prevedibbli*</u> *ghalkemm* <u>*mhux prevista*</u>*; kieku kienet wkoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni posittiva ndiretta."*

Infatti d-definizzjoni klassika tal-Colpa Criminale, tibqa dik moghtija mill-**Carrara** (Vol pt. Generale) b'dan il-kliem:

> "*La volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibli e prevedibbli del proprio fatto"* (para 8 pg. 114).

Dan l-awtur jkompli jghid li tkun xi tkun d-definizzjoni tal-colpa fil-kriminal:

> "*oppure… il tripode sul quale si asside la colpa sara sempre questo;*
>
> *a. la volontarieta dell'atto;*
>
> *b. mancata previsione dell'effetto nocivo;*
>
> *c. possibilita di prevedere.*

Id-definizzjoni tal-**Crivellari** fil-***Codice Penale - Vol III*** hi bazata fuq l-istess postulati u hi din :

> "*la colpa e la voluntarieta mancanza di previsione delle conseguenze prevedibili del proprio atto.*" (pagna 228, para. 32.)

Meta si tratta ta' colpa huwa mportanti li jigu ppruvat in-*nexus* li ghandu jezisti bejn l-att w r-risultat sabiex l-att jista jitqies kriminalment imputabbli. Huwa biss jekk jirrizulta *chain of causation* bejn l-att li holoq id-danni u d-danni rizultanti li jista jirrizulta culpa. Kif gie ***deciz nhar s-sbatax ta' Mejju, 1948*** fis-sentenza **Il-Pulizija v Salvatore Camilleri per *Imhallef Harding*** li

"*Such need for the existence of a chain of causation between the negligent act and the ensuing harm is a requisite for responsibility to exist.*"

Fil-fatt jkompli jghid :

"*The principle that for culpa to exist there must be the causa nexus between act and event, applies not only with regard to negligence, imprudence, carelessness and unskilfulness, in an art or profession but it is equally requisite in case of non-observance of the regulations.*"

Fil-fatt **Maino** fil-ktieb tieghu ***Commentario al Codice Penale Italiano (Vol III, 1622, pg. 286)*** jghid:

"*E concorda la gurispurdenza, sancendo che l'inosservanza dei regolamenti non basta a costruire delitto colposo quando fra le inosservanza dei regolamenti e' l'evento funesto non siavi il messa di causalita.*"

Issa biex nigi ghal kaz in ezami mill-provi prodotti u cioe mix-xhieda mismugha kemm waqt l-inkjesta kif wkoll viva voce l-Qorti, jirrizulta is-segwenti:

a. Illi ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu tas-sebgha ta' Settembru, 1994, waqt li kienet qed tigi bbrigjata planka tal-konkos minn fuq travett permezz ta' *crane*, il-*cable* tal-imbragatura mess mal-*high tension aerial cable* tal-Korporazzjoni Enemalta u Nazzareno Catania kien qed jmiss il-planka. Dan ha xokk fatali u miet.

b. Illi Nazzareno Catania kien imbraga il-planka tal-konkos u beda jidderigi lil Tarcisio Micallef, il-*crane driver*, li kien ghadu kemm qallu biex ivira, u kif appena l-imbragatura tal-cable waslet vicin il-*high tension aerial cable*, il-kurrent tal-vultagg qawwi ghadda ghal gol-*cable*

u Nazzareno Catania ha xokk u waqa u miet fuq il-post u kien hemm diversi bnadi fejn kien hemm *flashes* mal-art. Dawn kienu il-parti tan-naha ta' wara tal-lemin tal-*crane* li kienet qed tmiss ma metall u ma travu tal-konkos, sploda t-tieni *tyre* ta' quddiem, u kien hemm *flashes* maz-zewg roti primarji ta' quddiem u t-tieni wahda ta' fuq ix-xellug.

c. Illi l-gib kien estiz fuq tlieta u minhabba l-posizzjoni li kien, kemm il-*crane* u kif wkoll il-persuni kollha, dawn hadd ma setgha jikkalkola ezatt id-distanza ta' bejn il-*cable* tal-imbragatura tal-planka u l-*aerial cable* tal-*high tension* minhabba l-*optical illusion*.

d. Illi l-planka li kienet qed tigi virata kienet ta' hamsin pied tul u ghalhekk kienet itwal minn dawk li kienu gew ippustjati filghodu. Din kienet wahda mill-ahhar ta' *trailer*.

Illi Nazzareno Catania kien ix-xufier taz-ziemel ELF numru ta' registrazzjoni U 6994 u dan kellu zewg plates fuqu, wahda minnhom, jigifieri il-wahda tan-naha tal-lemin kienet tul ta' hamsin pied u kienet imbragata minn kull naha minn Nazzareno Catania stess. Tarcisio

Micallef kien ix-xufier tal-*crane* bin-numru ta' registrazzjoni Z-0162(N). Hu kien qed jigi iddiregit minn Nazzareno Catania stess.

Fuq il-post jidderigi ix-xoghol kien hemm l-imghallem certu Pierre Versin. Fil-fatt skond Tarcisio Micallef (fol 93) huwa beda jiddelega x-xoghol, jkejjel il-lant tax-xoghol u huwa lmentalu dwar il-*cables* pero rrispondih li dawk kienu ser jitfuhom. Skond Anthony Falzon, li huwa *trasport manager* mad-ditta General Pre-Cast Concrete Limited, Nazzareno Catania kien bniedem kapaci hafna fuq ix-xoghol u kien uniku, kellu *reflexes* tajbin u kien jaf il-*crane* '*inside out*'. Xogholu kien li jiswingja, jimbraga, jikkalkola d-distanzi minn mal-*cable* u jidderigi lil *crane driver*.

**Pierre Verzin xehed** kemm fl-inkjesta nhar t-tmienja ta' Settembru, 1994, kif wkoll viva voce l-Qorti, fejn qal li huwa impjegat bhala Stock Yard Controller mas-socjeta General Pre-Cast Concrete Limited, u xogholu kien li jmur jkejjel il-post fejn ikun ser isir ix-xoghol. F'dak il-kaz huwa kien mar jiehu l-kejl xi sena qabel ma sar ix-xoghol u qal li ma tax kaz kienx hemm *high tension cable* jew le. Pero ftakar li kien cempillu Tarcisio Micallef dakinhar tal-incident u qallu dwar il- *high tension cable*. Huwa staqsih jekk setghax jahdem bihom peress li ma setghax jnehhihomlu. Huwa

stqarr li pero huwa l-klijenti li jiehdu hsieb permess tax-xoghol mal-Awtorita tal-Ippjanar u mhux hu.  Fil-fehma tieghu f'dik is-sezzjoni tas-socjeta fejn kien jahdem Nazzareno Catania, il-*managers* huma Anthony Falzon u John Dimech.

Ix-xhieda li xehdu f'dawn il-proceduri u cioe l-impjegati tas-socjeta General Pre-Cast Concrete Limited ilkoll qalu li s-socjeta tipprovdilhom *protection clothing* u tinsisti maghhom sabiex jilbsuh u meta fil-fatt jitqattaw, d-diretturi ikunu pronti li jipprovdulhom l-godda.

**Anthony Paris** a fol 133 tal-atti qal li dakinhar tal-incident waqt li kien liebes *protection clothing*, Nazzareno Catania ma kienx liebes.  Huwa ma hassx li kellu jghidlu biex jilbes dawn il-hwejjeg protettivi ghaliex kienet r-responsabbilita tieghu.

**Anthony Falzon** xehed fil-hamsa w ghoxrin ta' Novembru, 1999 fejn qal li huwa kien ilu jahdem mal-kumpanija General Pre-Cast Concrete Limited mis-sena 1991 u minn dejjem kienet taghmel enfasi kbira fuq *safety precautions* fis-sens li kienet tipprovdi *safety helmets, safety gloves, safety boots* u *safety goggles* u kienet tinsisti

mal-impjegati taghha sabiex jilbsuhom u fin-nuqqas li jobdu l-ordnijiet jinghataw *warning* kemm bil-miktub kif wkoll b'mod verbali.

Dwar il-kwistjoni ta' permessi tal-Awtorita tal-Ippjanar Joseph Azzopardi, sid il-garage fejn kien qed isir ix-xoghol, ammetta li permess tal-Awtorita tal-Ippjanar ma kellux, ghaliex huwa sostna li ried li x-xoghol isir xorta.

L-imputati ghazlu li jixhdu u fil-fatt fit-tnax ta' Marzu, 2001, l-imputat **Angelo Xuereb xehed minn jeddu** fejn kkonferma li fil-gurnata in kwistjoni meta sehh l-incident nhar s-sebgha ta' Settembru, 1999 huwa kien jokkupa l-kariga ta' Direttur tas-socjeta General Pre-Cast Concrete Limited. Huwa esibixxa d-dokument li jindika minn kien x-*share holder* ta' din s-socjeta u cioe A. X. Holdings Limited, HSBC Bank Malta Limited, Eden Beta Perugia srl u Pre Fabrication Perugia spa. Dwar l-istruttura ta' din il-kumpanija huwa spjiega li kien hemm Bord ta' Diretturi, General Manager u sebgha dipartimenti interni li kienu jiehdu hsieb il-kontroll tal-kumpaniji *on a daily basis*, fosthom *Administration and Machinery, Production, Financial Controller, Trasport Manager, Maintenance Manager, Health & Safety Committee* u *Quality Controller.* Taht dawn il-*middle management* kien hemm tlett *erection teams*. L-ghan ewlieni ta' din

il-fabbrika hu li tipprovdi u tissuplixxi materjal ta' *pre cast concrete* u mhux li tiehu xoghol ta' kuntratturi, kif fil-fatt kien ix-xoghol in kwistjoni u cioe li tissuplixxi l-planki. Huwa spjiega kemm il-kumpanija tiehu mizuri sabiex taccerta ruhha mis-*safety measures* tal-kumpanija u fil-fatt huwa esibixxa dokument li jindika il-*policies* tal-kumpanija u cioe li hemm kumitat ghal tal-apposta dwar mizuri ta' sigurta u sahha. Dan il-kumitat kien jiltaqa ta' spiss u jiehu d-decizjonijiet sabiex il-mizuri ordnati minnu jigu segwiti u komunikati lil impjegati kollha. F'dawn il-laqghat kienu jittiehdu l-minuti li kienu jibqghu jinzammu *at managerial level* pero r-rizultanzi jew ahjar l-istruzzjonijiet li kienu jiddecidu fuqhom kienu jigu kkomunikati lil haddiema kollha. Fil-fatt kif jirrizulta mill-atti u cioe mill-minuti tat-tmintax ta' Mejju, 1993, il-kumpanija kienet hadet mizura li l-membri li ma jobdux l-istruzzjonijiet ta' *safety & health management* ghandhom jehlu penali ta' hamsin centezmu kuljum. Din il-multa giet imposta bhala mizura sabiex l-impjegati jkunu aktar konxji. Din il-mizura giet notifikata lil impjegati kollha premezz ta' *memo* permezz ta' minuta ohra li tghid li kull *manager* fid-dipartiment tieghu kellu jaghti kalkolu ta' kemm kienet ser tkun in-nefqa dwar sigurta u sahha fid-dipartiment tieghu sabiex b'hekk il-*manager* ikun jista jaghmel *budget* tan-nefqa rikorrenti.

Il-kumpanija *General Pre-Cast Concrete Limited* hija akkreditata mas-socjeta internazzjonali ISO 2001 li hija socjeta li tiehu hsieb s-sigurta mill-lat internazzjonali u kull tant zmien ikun hemm *training* lil haddiema kollha sabiex din il-kumpanija tkun tista tibqa hekk akkreditata.

L-imputat esibixxa wkoll *invoice* li tindika li f'sena wahda biss u cioe dik is-sena meta sar l-incident in kwistjoni, jirrizulta li ma kumpanija wahda biss u cioe ma Calfam Services Limited, din s-socjeta nefqet aktar minn tlett elef lira fuq *protection clothing*. Dan l-ammont jirrifletti biss *replacement of clothing*.

Fl-*erection team* li taghha kien membru Nazzareno Catania, kien hemm *trasport manager* certu Anthony Falzon li ghandu esperjenza kbira f'dan il-qasam, is-*site co-ordinator* Pierre Verzin, apparti t-*team* innifsu. Nazzareno Catania kien bniedem kkwalifikat jaghmel dan ix-xoghol u fil-fatt kien ilu jaghmlu ghal erbgha snin mas-socjeta in kwistjoni u qabel ma xi *oil rigs* fil-Libja. Fil-fatt dan spjiega li l-*erection team* kien maghmul minn nies ta' tahrig ghal xoghol partikolari li kienu qed jghamlu.

L-imputat Angelo Xuereb spjiega wkoll li l-ko-akkuzati il-Perit John Ellul Vincenti u John Gauci kienu diretturi u jpoggu fuq il-Bord bhala *non executive*.

Huwa spjiega li *on a day to day basis* ma jkunux jafu fejn ikun qed isir x-xoghol. Kienu l-*managers* tat-*team* li jkunu jafu xi jkun qed isir. Huwa jara li jimpjega nies kapaci. Huwa jahdem b'sistema ta' piramida fis-sens li f'kull sezzjoni ikun hemm min hu responsabbli ghal bzonnijiet u problemi ta' kuljum u kull tant zmien, jirrappurtaw lil ta' fuqhom. Huwa jaghti dejjem direttivi li fl-ewwel lok ghandhom jaraw li ma hemmx perikolu fejn isir x-xoghol u fejn hemm perikolu, ma jahdmux. Il-kumpnaija taghti direttivi stretti dwar mizura ta' sigurta u tipprovdi ingenji tajbin fis-sens li tisservissjawhom regolarment u tipprovdi *insurance* li tkopri il-haddiema f'kaz ta' incident.

**John Gauci xehed** nhar s-sebgha ta' Mejju, 2001 u spjiega li huwa kien *Senior Executive* mal-Mid Med Bank, illum l-HSBC. Meta sehh l-incident kien *Deputy Manager* responsabbli ghal *lending portfolio* tal-Bank. Dak iz-zmien kienet saret *joint venture* bejn il-Bank, kumpanija taljana u A.X. Holdings. Il-Bank ghalhekk kellu xi *shares* u b'konsegwenza kellu dritt ta' *non-executive member* fuq il-

bord, u hu kien gie appuntat bhala rappresentant tal-Bank fit-tmienja w ghoxrin ta' Gunju, 1993 u baqa jokkupa dan il-post sal-hmistax ta' Jannar, 1997. Il-*Managers* ta' din il-kumpanija kienu kollha professjonali, tant li l-kumpanija kienet ottjeniet c-certifikat tal-ISO. Biex ottjeniet dan ic-cerifikat il-kumpanija kellha tahdem b'serjeta kbira fil-kwalita ta' sigurta fuq procedura u b'hekk kien cert li l-*istandard* ta' *safety* kien gholi hafna. Spjiega wkoll l-istruttura tal-kumpanija b'mod partikolari d-divizjoni tas-sigurta u cioe li huma kienu jigu infurmati bil-*meetings*. *Meetings* dwar *safety* kienu jinzammu regolari u kull meta kien hemm xi *potential hazard* huma kellhom jigu infurmati. Huwa qatt ma ta' direttivi u qatt ma mpjiega nies, izda kien jattendi *board meetings* meta kien jigi msejjah. Huwa ma kienx interessat f'kwistjonijiet singolari izda dawk ta' *management* biss sabiex jirrapporta lil Bank kwistjonijiet ta' finanzi.

**Il-Perit Joseph Ellul Vincenti** xehed nhar s-sebgha ta' Mejju, 2001 u kkonferma li huwa ma kellux poteri ezekuttivi fil-bord u ghalhekk ma setgha jaghti l-ebda ordni lil haddiema u ma kienx jaghmel *site inspections*. Huwa kien responsabbli biss li jara li l-*policies* li taghmel il-kumpanija, jigu segwiti u sa fejn jaf hu d-direttivi tal-bord, specjalment dwar s-sigurta dejjem gew segwiti.

Il-Prosekuzzjoni qed ssostni li l-imputati ghandhom jinsabu hatja ta' din l-akkuza ta' omicidju nvoluntarju a bazi tal-artikolu 13 tal-Interpretation Act li jzomm responsabbli diretturi ta' kumpaniji ghal dawk r-reati li jigru fil-kumpaniji taghhom salv li ma jipprovawx li graw ad insaputa taghhom u li kienu ezercitaw d-diligenza kollha biex jimpedixxu r-reat.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ezercizzju ta' diligenza xierqa biex tevita l-ghemil ta' reati mill-kumpanija jimplika necessarjament sorveljanza adegwata tal-affarijiet tal-kumpanija sabiex jigi assikurat li l-kumpanija tottempera ruhha mal-ligi. Jekk direttur ta' kumpanija jonqos milli jissorvelja adegwatament l-affarijiet tal-kumpanija, dan certament qatt ma hu ser ikun jaf bl-ghemil doluz tal-kumpanija u ghalhekk ghalkemm jkun jista jipprova li hu ma kienx jaf bil-kommissjoni tar-reati mill-kumpaniji, huwa jonqos milli jipprova li jezercita diligenza xierqa sabiex r-reati ma jsirux. Id-direttur ta' kumpanija ma jistax jghalaq ghajnejh ghal dak li qieghed jigri fil-kumpanija biex wara jghid *ma kontx naf* u b'hekk facilment jezimi ruhu mir-responsabbilita. Ghalhekk il-ligi tirrikjedi u tesigi li d-direttur li jezercita sorveljanza attiva u kontinwa biex jara li l-kumpanija tottempera ruhha mal-ligi. Fil-fatt dwar x'tip ta' diligenza

irid jezercita d-direttur, **Smith & Hogan** fil-ktieb taghhom ***Criminal Law*** jghidu:

> "*The degree of care is the average or normal degree of care expected from the particular individual and it is not a superlative degree of care. That is, the reasonable man is not he who is most reasonable, but just the normal type of reasonable man. The law requires not that who is extraordinary but that which is reasonable, that is, that diligent which from Roman times has been known as the "diligentia bonus paterfamilias".*

Ghalhekk d-direttur mhux responsabbli ghal dak kollu li jigri fil-kumpanija izda jekk jiehu hsieb li jkollu l-infrastruttura tajba u jiehu hsieb li jimpjiega esperti f'certi oqsma tax-xoghol u dan nonostante jigri incident, id-direttur m'ghandux jinzamm responsabbli.

Fil-fatt, kif gie deciz fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Hugh David McCandie** ***nhar l-ewwel ta' Settembru, 1983 mill-Qorti tal-Appell Kriminali***,

"*Such criminal responsibility is not* __*absolute*__ *and the main officer of a company can plead non answerability if he can prove two things; namely that the offence was committed without his knowledge and that he exrcised all due diligence to prevent the commission of the offence. Otherwise he would be answerable just as if he himself had committed the offence.*"

Issa biex nigi ghal kaz in ezami u cioe dwar r-responsabbilita tal-imputati, il-Qorti ghandha s-segwenti kummenti x'taghmel.

L-imputat John A. Gauci kien *a non-executive director* appuntat mill-Mid Med Bank, llum l-HSBC sabiex jara li intrapriza kienet miexja b'mod regolari. Jirrizulta li l-istruttura li din il-kumpanija kienet ezempju klassiku ta' kif ghandhom isiru l-affarijiet b'mod professjonali.

Pero in oltre jirrizulta li l-imputat John A. Gauci bhala *a non-executive director* ma setghax jaghti ordnijiet u ma kienx responsabbli ghall-impjieg tal-impjegati tas-socjeta, illi ma giex ppruvat lanqas remotament, li l-imputat kien responsabbli mill-amministrazzjoni jew *management* tas-socjeta, jew li minn jeddu jiehu xi decizjonijiet bhal

ma hu awtorizzat jaghmel *manager* ta' xi azjendi, tant li hu kien jpoggi fuq il-bord flimkien ma diretturi ohra li kellhom *expertise* kbira u cioe Angelo Xuereb li huwa wiehed mill-akbar kuntratturi hawn Malta u l-Perit Joseph Ellul Vincenti li huwa bniedem ben not ghal kapacitajiet tieghu fil-kostruzzjoni w inginerija. Ra wkoll li hemm strutturi ta' *middle management* li ghandu jiehu hsieb ta' strutturi nterni.

Il-Qorti hawnhekk tissottolinea li l-Prosekuzzjoni kellha tipprova n-*nexus* bejn l-incident li sehh u cioe l-mewt ta' Nazzareno Catania mal-post li okkupa John A. Gauci, cioe trid tipprova c-*chain of causation* imsemmija aktar 'l fuq, u cioe li minhabba t-traskuragni, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti da parti ta' John A. Gauci, sehhet l-mewt ta' Nazzareno Catania. Illi bir-rispett kollu pero l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova n-*nexus* bejn l-causa u l-effett u cioe li l-mewt ta' Nazzareno Catania. Jirrizulta mill-atti li John A. Gauci spicca direttur ta' din il-kumpanija fuq talba tal-Bank u ghan-nom tal-Bank hu ha l-mizuri kollha sabiex jara li dak li kien qed jiddiskuti fil-bord dwar mizuri ta' sigurta gew esegwiti u li l-kumpanija kienet timxi b'mod serju tant li ottjeniet c-certifikat tal-ISO, certifikat Internazzjonali li jigi moghti marament u f'cirkostanzi biss ta' sigurta assoluta. Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax ragonevolment u legalment

tasal sabiex issib lil imputat John A. Gauci responsabbli ghal dak li gara fl-incident in kwistjoni.

Il-Prosekuzzjoni ma ppruvatx dan n-*nexus*, lanqas remotament. L-imputat fl-ebda hin ma setgha jipprevedi li ser isir xi haga u wisq inqas jipprevediha.

Rigward l-imputat l-iehor u cioe il-Perit Joseph Ellul Vincenti , dak lil jinghad aktar 'l fuq fil-konfront ta' John A. Gauci, japplika *mutatis mutandi* rigward r-responsabbilita tieghu ta' direttur bhala *non-executive director.* Illi jirrizulta mill-provi li l-kumpnaija kienet wahda serja u kienet topera b'mod professjonali fis-sens li ra li l-post tax-xoghol kien wiehed ta' sigurta massima fis-sens li kien jiehu hafna mizuri sabiex ma jkunx hemm perikolu. Fil-fatt, kif jirrizulta mid-dokumenti esibiti kien hemm diversi seduti meta d-diretturi kienu jiltaqghu u jhambqu fuq x'mizuri kellhom jittiehdu dwar sigurta. Huwa ma kienx responsabbli ghall-impjieg ta' haddiema u cioe jekk humiex nies kapaci fil-qasam taghhom jew le, kien jara biss li l-*policies* generali tal-kumpanija kienu jigu obduti. Bhala *non-executive director* ma kienx jaghmel *site inspections* u ghalhekk lanqas kien ikun jaf x'kien qed jigri *on a day to day basis*. Il-Perit Joseph Ellul Vincenti ma kienx direttur fuq il-bord fil-kapacita tieghu

ta' perit izda bhala konsulent tas-socjeta A.X. Holdings Limited; ma kienx responsabbli ghal bini, konstruzzjoni jew konsenja ta' xoghol, izda biss dwar kwistjonijiet ta' *management meetings*. Hu kien direttur passiv. Huwa kien jaf li l-kumpanija kienet serja u li kellha diversi setturi f'oqsma varji u ghalhekk kien sodisfatt li l-istruttura kienet wahda professjonali. Minn imkien ma jirrizulta li l-imputat Joseph Ellul Vincenti kien traskurat jew negligenti jew li ma osservax xi regolamenti. Anzi semmai, jirrizulta l-oppost u cioe li uza d-diligenza kollha rikjesta fil-qasam tax-xoghol tieghu.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija recenti mill-***Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fil-hmistax ta' Gunju, 2001*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Zammit** fejn l-imputat, li kien *manager* mas-socjeta Blockrete Limited, kien gie liberat mill-akkuza meta ma giex ppruvat li hu kien responsabbli ghal haddiema fis-sens ta' amministrazzjoni jew *management.*

Il-Qorti hawnhekk thoss wkoll li l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova in-*nexus* bejn il-mewt ta' Nazzareno Catania u l-agir tal-imputat Joseph Ellul Vincenti. Minn imkien ma jirrizulta li huwa kien traskurat u negligenti fl-operat tieghu.

Dwar t-tielet imputat u cioe Angelo Xuereb jirrizulta li dan kien *executive director*, pero jirrizulta li kien ha hsieb li jkollu *management* serju fis-sens li elenka diretturi u kriterji meta gie biex jimpjega n-nies. Jirrizulta li n-nies li mpjiega kollha kellhom tahrig fl-oqsma li kienu jokkupaw. Ra li s-socjeta jkollha struttura professjonali u cioe kull settur jkollu *manager* ghalih u l-impjegati kollha. Kienu jirrelataw lura dwar il-problemi ta' kuljum. Illi r-relazzjoni tieghu kienet tkun biss mal-*middle management* sabiex jassikura li d-direttivi li kienu johorgu mill-bord tad-diretturi kienu jigu esegwiti.

Il-Qorti rat li l-imputat Angelo Xuereb kellu kumitat ghal tal-apposta dwar mizuri ta' sigurta tant li s-socjeta ottjeniet c-certifikat mill-ISO.

Illi bir-rispett kollu il-Qorti ma thossx li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova din l-akkuza fil-konfront tieghu.

Il-Qorti thoss li ghandha tikkonkludi dwar dan il-kaz billi taghmel referenza ghal dak li gie ritenut mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha ta' Frar, 1961*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Perit Louis Portelli** fuq imsemmija dwar x'jikkostitwixxi imperizja.

Il-Qorti ghalhekk thoss li fil-fehma taghha dan t-tip ta' xoghol qatt ma messu sar fil-post fejn sar stante l-presenza tal-*high tension cables* u ghalhekk kien il-vittma stess li kien unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba nuqqas ta' *protection clothing* li kien liebes u minhabba l-manuvrar hazin tal-planki.

**Ghalhekk il-Qorti tiddikjara li <u>ma ssibx</u> lil imputat ANGELO XUEREB, JOSEPH ELLUL VINCENTI u JOHN A. GAUCI hatja tal-akkuzi kif addebitati lilhom u tilliberhom minn kull imputazzjoni u htija.**

**Conuselo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**